# Minuti

## Seduta Nru. 19/2012

Data: Il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Mario Xuereb – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
7. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 19/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 19/2012**

# 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 18/2011 li saret nhar is-16 ta' Diċembru 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

# 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat reminder lill-MEPA u baqgħu ma rrispondewx. Il-Kumitat iddeċieda li s-Sur Zahra jieħu parir mingħand l-Onor Stefan Buontempo fuq x'azzjoni jista' jieħu l-Kumitat biex il-periklu jitneħħa.

Siti Perikolużi.

**3.2** **Fuq punt 3.2 –** Is-Sur Rudolph Cini rrimarka li qed tkun diffiċli għalih li jsib il-ħin biex idur bieb bieb u jiġbor il-firem. Il-Kumitat iddeċieda li fid-29 ta' Jannar, mit-8am 'l quddiem jiltaqa' fil-carpark tal-Parroċċa u wara kull Quddies il-Membri tal-Kumitat jiġbru l-firem minn kull min ikun ħiereġ. Wara li jinġabru l-firem, tintalab laqgħa mal-Arriva.

Rotot tal-Arriva fis-Swatar

**3.3** **Fuq punt 3.3 –** Iċ-*Charperson* qalet li l-Kunsill tal-Imsida approva li għal kull talba sabiex titwaħħal *sleeping policeman*, sabiex din it-talba tkun approvata mill-Kunsill, iridu jinġabru l-firem tar-residenti. Il-Kumitat iddeċieda li kif jingħata l-parir fejn ser titwaħħal mill-Perit tal-Kunsill, jinġabru l-firem qabel ma tgħaddi għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

**3.4** **Fuq punt 3.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali t-talba għall-PPP fejn minn naħa tad-Dipartiment irrispondew li applikazzjoni għall-PPP fiha ħafna proċessi u tieħu fit-tul li għal dak l-ammont jista' ma jkunx vijabbli li ssir l-applikazzjoni. Is-Sur Mario Xuereb qal li dan m'għandux jaqta' qalb lill-Kumitat milli jagħmel it-talba u jinbeda l-proċess sabiex tingħata alternattiva oħra ta' parkeġġ għall-ħaddiema li jaħdmu fl-istabbilmenti fis-Swatar. Dan għandu jgħin u jkun ta' vantaġġ għar-residenti tas-Swatar għaliex b'hekk jonqsu l-karozzi pparkjati fit-toroq residenzjali. Il-Kumitat iddeċieda li l-proċess tal-applikazzjoni għall-PPP tibqa' għaddejja.

Problema ta' Parking Applikazzjoni PPP

3.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva mid-Dipartiment tal-Artijiet li l-area tas-Sisla m'hix kollha privata. Il-Kumitat iddeċieda li japplika għad-devoluzzjoni tal-art li m'hix privata sabiex tkun tista tiġi rranġata biex tittaffa aktar il-problema ta' parking.

Problema ta' Parking Applikazzjoni għad-Devoluzzjoni tas-Sisla

3.4.2 Waqt id-diskussjoni is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li l-Kumitat ihejji applikazzjoni ħalli fis-Swatar ikun hemm *Residential Parking Scheme*. Il-Kumitat qabel ma' dan is-suġġeriment. Il-Kumitat iddeċieda wkoll li jsiru l-laqgħat mal-kumpaniji li hemm fi Triq is-Swatar u Triq it-Torri li huma HSBC, APS, u Tower Business Center sabiex jiġi diskuss il-parking ġewwa s-Swatar.

Applikazzjoni għar-Residential Parking Scheme u laqgħat mal-Kumpaniji fis-Swatar

**3.5** **Fuq punt 3.9 –** Is-Sur Jimmy Zahra irrimarka li kif qed jiġi propost fit-traffic management, fi Triq Gużè Ellul Mercer ser tinħoloq problema għar-residenti għax biex jidħlu fit-triq, ikollhom iduru d-dawra kollha. Is-Sur Rudolph Cini qal li t-Traffic Management sar bil-ħsieb li jkun hemm aktar sigurta' fit-toroq tas-Swatar. Il-Kumitat iddeċieda li fis-17 ta' Jannar 2012 fis-7pm, il-membri

Traffic Management

kollha jiltaqgħu fejn triq Ġużè Ellul Mercer sabiex is-Sur Zahra jkun jista' jispjega fuq il-post kif qed jipproponi li jsir it-traffic management għal din il-parti tas-Swatar.

## 4. Korrispondenza

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara email minn resident ta' Little Gozo Flats fejn qed jissuġġerixxi kif tista' tittaffa l-problema ta' karrozzi li jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet tar-residenti minħabba l-Maypole. Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li l-ħanut Maypole diġa prova japplika għal loading and unloading bay iżda peress li hu biss hemm ħanut fl-akwati, il-permess ma ħariġlux. Il-Kumitat iddeċieda li ssir tentattiv minn naħa tal-Kumitat sabiex it-TM tapprova l-permess ta' loading and unloading bay.

Loading and Unloading Bay quddiem il-Maypole

## 5. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**5.1** Quddiem it-Triq ta' Sant Andrija kien hemm sinjali ta' direzzjoni tat-traffiku li m'għadhomx hemm. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja dwarha.

Traffic Signs – Triq Sant' Andrija

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** Is-Sinjura Yvonne Spiteri ssuġġeriet li l-Kumitat għandu jkollu facebook page fejn ir-residenti jkunu jistgħu isibu l-informazzjoni kollha fuq x'inhu jagħmel il-Kumitat. Il-Kumitat qabel u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u s-Sinjura Spiteri għandhom ikunu *administrators* fuq il-paġna tal-facebook.

Facebook Page

**6.2** Iċ-*Chairperson* qalet li sa Ġunju, ħafna mix-xogħol irid ikun lest. Qalet li l-playground, kif ikun lest, għandu jiġi inawgurat b'attivita'.

Attivta' fuq il-Proġett tal-playground

**6.3** Iċ-*Chairperson* qalet li għandha ssir laqgħa mal-Madam tal-iskola Ta' Paris rigward il-korsijiet tal-kompjuter ħalli jibdew isiru. Kif id-data tkun iffissata, iċ-*Chairperson* ser tinforma lill-Kumitat.

Korsijiet tal-Kompjuter

**6.4** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja jekk m'hemmx Skema ta' Restawr sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni u jiġi restawrat il-ħajt li hemm fi Triq Graffiti navali.

Skema ta' Restawr

**6.5** Iċ-*Chairperson* qalet li waqt il-festa ta' San Ġorġ Preca, il-Kumitat għandu jorganizza attivita' ta' 'Ġieħ is-Swatar'. Il-Kumitat għandu jkollu l-istatut ta' ġieħ l-Imsida u jieħu spunti minnhu.

Ġieħ is-Swatar

## 7. Għeluq u Aġġornament.

**7.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:45pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Frar 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS     Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| 3.1 | Siti Perikolużi. | Is-Sur Jimmy Zahra |
| 3.2 | Rotot tal-Arriva fis-Swatar | Membri KAS |
| 3.3 | *Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.4 | Problema ta' Parking | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.5 | Traffic Management | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.1 | Loading and Unloading Bay quddiem il-Maypole | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 5.1 | Traffic Signs – Triq Sant' Andrija | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 6.1 | Facebook Page | Aġent Segretarju Eżekuttiv<br>Yvonne Spiteri |
| 6.2 | Attivta' fuq il-Proġett tal-playground | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 6.3 | Korsijiet tal-Kompjuter | *Chairperson* |
| 6.4 | Skema ta' Restawr | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 6.5 | Ġieħ is-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |